MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2014

Citazzjoni Numru. 910/1996/1

**Primrose Poultry Products Limited**

**vs**

**B. Tagliaferro & Sons Limited,**

**Francis u Maria konjugi Zammit,**

**f'isimhom proprju u ghan-nom ta' Framar Estates**

**u Emanuel Attard, u b'digriet ta' l-10 ta' Marzu 2000 gew**

**nominati l-Avukat Dr Tonio Azzopardi u l-Prokuratur**

**Legali Mario Mifsud Bonnici bhala Kuraturi Deputati**

**sabiex jirrapprezentaw l-eredita` tal-mejjet Emanuel**

**Attard li miet fil-mori tal-kawza**

**u b'digriet tat-3 t'April, 2008, il-gudizzju gie trasfuz f'isem**

**Gerald Zammit u Maria Galea Testaferrata Zammit kemm**

**f'isimha proprju kif ukoll ghan-nom ta' bintha l-minuri**

**Julia Zammit ikomplu l-kawza minflok Francis Xavier Zammit**

**li miet fil-mori tal-kawza**

Il-Qorti,

1.0. Rat ic-citazzjoni fuq indikata datata l-21 ta' Marzu, 1996, fl-ismijiet premessi, li permezz taghha s-socjeta` attrici sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1 Illi hi l-inkwilina tal-mahzen bin-numru 1, *Bridge* Wharf, il-Marsa, proprjeta` ta' Scicluna's Estates;

1.2 Illi fil-21 ta' Frar, 1996, l-imsemmi mahzen iggarraf bil-merkanzija kollha li kien hemm fih;

1.3 Illi l-imsemmi mahzen hu sottopost ghal dak numru 3, proprjeta` tas-socjeta` konvenuta B. Tagliaferro & Sons Limited u tal-kenvenuta Francis u Maria konjugi Zammit, izda mikri lill-konvenut l-iehor Emanual Attard;

1.4 Illi l-mahzen numru 3 fuq indikat kien qieghed jitghabba b'mod manifestament eccessiv;

1.5 Illi fl-20 ta' Mejju, 1994, il-konvenut Attard kien interpellat ufficjalment biex inehhi l-merkanzija mis-sala sovrastanti minhabba dan il-piz eccessiv;

1.6 Illi l-konvenuti sidien tal-istess mahzen kellhom l-obbligu jassiguraw li l-fond *de quo* kien qed jipperikola l-fond tas-socjeta` attrici;

1.7 Illi l-incident in dizamina sehh unikament minhabba traskuragni, negligenza u htija tal-konvenuti;

1.8 Illi kagun tal-istess is-socjeta` attrici sofriet danni inigenti;

1.9 Illi ghaldaqstant aderiet din il-qorti biex il-konvenuti jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din m'ghandiex:

1.9.1. Issib lill-konvenuti, jew min minnhom responsabbli ghall-incident *de quo* fuq riferit, u ghalhekk responsabbli wkoll ghad-danni li sofriet is-socjeta` attrici meta l-merkanzija taghha sfat distrutta;

1.9.2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi rizultat tal-istess incident;

1.9.3. Tordna lill-konvenuti, jew min minnhom ihallsu lill-atturi s-somma hekk likwidata;

1.9.4. Bl-ispejjez kif dedotti fic-citazzjoni in dizamina kontra l-konvenuti;

2. Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-istess datata wkoll il-21 ta' Marzu, 1996, (ara foll 3);

3. Illi f'dan ir-rigward taghmel referenza ghad-digrieti ta' din il-qorti diversament preseduta fl-atti tal-kawza fl-ismijiet Vincent Curmi *nomine et* vs *B. Tagliaferro & Sons Limited et*, Citazzjoni numru 1746/1996 u 2277/1996, fejn ordnat li din il-kawza tinstema` flimkien mac-citazzjoni numru 910/96, (il-kawza odjerna);

4. Rat li l-eccezzjonijiet intavolati mill-konvenuti f'din il-procedura huma identici ghal dawk ipprezentati minnhom fil-kawzi indikati fil-paragrafu precedenti;

5. Illi a skans ta' dilungar inutili u ta' triplikazzjoni tal-procedura, taghmel referenza ghall-istess kif ipprezentati in atti;

6. Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat il-31 ta' Mejju, 2011, li permezz tieghu, wara li rrevokat l-inkarigu tal-perit precedentement nominat, appuntat espert tekniku iehor hemm nominat, (ara foll 247);

7. Rat ir-relazzjoni peritali *de quo* datata l-4 ta' Gunju, 2013, izda pprezentata *in atti* fid-9 ta' Lulju, tal-istess sena;

8. Ezaminat l-atti kollha esebiti;

9. Rat in-nota tas-socjeta` attrici;

10. Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

11. Illi tenut kont tas-suespost u tas-sentenzi moghtija illum stess fl-ismijiet Vincent Curmi *nomine et* vs *B. Tagliaferro & Sons Limited et*, Citazzjoni Numru 1746/1996, u *Vincent Curmi nomine et vs Tagliaferro & Sons Limited et*, Citazzjoni Numru 2277/1996, din il-

qorti, ghall-ekonomija tal-gudizzju u a skans ta’ripetizzjoni inutili u dilungar bla bzonn kif tenuta, taghmel ampja referenza ghall-istess sentenzi li konsegwentement qed tinkludihom ukoll ma’ dik in dizamina, *stante* li l-fatti *de quo* u l-kwistjonijiet sollevati huma l-istess, u *stante*, li kif indikat qabel, dawn il-kawzi gew kollha unifikati proceduralment bid-digrieti fuq riferiti, (ara paragrafu numru hdax, (11), aktar qabel);

Ikkunsidrat:

12.0. Illi in vista tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` attrici ma pprovatx il-kaz taghha skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

12.1. Filwaqt li takkolji l-eccezzjonijiet kollha sollevati mid-diversi konvenuti fuq indikati;

12.2. Tirrespingi t-talbiet tas-socjeta` attrici;

12.3. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------